ĦARĠA NUMRU 15 - ĦARIFA

NEWSPAPER POST

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# GĦEŻIEŻ QARREJJA,

Wasal l-aħħar ta' Settembru, u dħalna fl-istaġun tal-ħarifa. Għal ħafna minna dan ifisser li nerġgħu lura għar-rutina u wara l-granet qalila tas-sajf qisna nkunu qed nistennew li l-ħajja terġa' tiġi aktar trankwilla. It-tfal jerġgħu lura lejn l-iskola, it-temp jibda jiffriska u nibdew nistennew bil-ħerqa li tagħmel dik il-ħalba xita.

Il-bdiewa jippreparaw l-uċuħ tar-raba' sabiex fis-suq insibu dejjem ħaxix frisk, u fil-kċina jerġa' jibda jissajjar ikel iktar xitwi bħal xi minestra bnina jew xi dixx patata l-forn.

F'din il-ħarġa għandna għalikom ħafna artikli interessanti fosthom fuq l-importanza tax-xogħol tas-sajjieda tagħna, fuq in-New Water għall-bdiewa Għawdxin, riċerka minn studenta fis-settur tal-baqar, artiklu fuq l-Istazzjon tar-Riċerka għall-Vitikultura u l-Oenoloġija ġewwa l-Buskett u bħas-soltu żewġ riċetti li ta' min jippruvahom.

Nittama li din il-ħarġa terġa' tintlaqa' tajjeb magħkom il-qarrejja u nfakkarkom sabiex issegwu l-paġna Nisġet Artna fuq Facebook ħalli dejjem tibqgħu aġġornati bl-affarijiet li jkunu għaddejjin fi ħdan is-settur.

Tislijiet,

*Claire Cauchi*

## NISĠET ARTNA

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività,
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp L-Għammieri,
Triq l-Ingiered, Il-Marsa, MRS 3303



Ritratt
Joseph Mercieca
It-Torri tax-Xlendi, Għawdex

Kordinatriċi
Leanne Bajada

Editur
Claire Cauchi

Kontributuri
David Bartolo
Robert Cutajar
Jeffrey Sciberras
Arnold Sciberras
Claire Cauchi
Gilbert Camilleri
Philip Camilleri
Amaya Mercieca Frantz
Joseph Jason Abela
Hazel Farrugia
Donna Barbara
Benjamin Zahra
Malcolm Vassallo
Anton B Dougall

Qari tal-provi
Braden Saffrett

Disinn
Max Saliba

## Werrej

**03.** AKTAR ĦIDMA GĦAL MALTA U GĦAWDEX
**04.** IL-KNISJA TAL-VITORJA - L-IMTAĦLEB, LIMITI TAR-RABAT
**05.** NIPPROTEĠU LILL-BDIEWA U LIR-RAĦĦALA TAGĦNA
**06.** ID-DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI IMPENJAT F'AKTAR INIZJATTIVI
**07.** NEW WATER - NIFS ĠDID LIS-SETTUR AGRIKOLU GĦAWDXI
**08.** GŻIRA TAL-KAPPAR, TAD-DWIELI U TAŻ-ŻEBBUĠ
**10.** FLORA U FAUNA APP
**11.** IS-SIGRA TAŻ-ŻEBBUĠ U Ż-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA MALTI
**12.** NESPLORAW FLIMKIEN IT-TEŻORI TAL-BAĦAR
**14.** L-ISTAZZJON TAR-RIĊERKA GĦALL-VITIKULTURA U L-OENOLOĠIJA TAL-BUSKETT
**16.** ID-DEMMIELA U L-ĠBIR TAD-DEMEL
**18.** RIĊERKA FIS-SETTUR TAL-BAQAR MIŻMUMA GĦALL-PRODUZZJONI TAL-ĦALIB F'MALTA
**19.** GĦOTI TAL-WARRANTS LIL ERBA' VETERINARJI ĠODDA
**20.** IL-PROGRAMM MULTIANNWALI GĦALL-ĠBIR TAD-DATA 2017-2019 U L-IMPORTANZA TIEGĦU GĦALL-INDUSTRIJA TAS-SAJD
**21.** TISSOKTA L-GĦAJNUNA LILL-NGOS
**22.** IL-FUTUR TAL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI (PAK) – IL-KUMMISSJONI EWROPEA TRESSAQ L-EWWEL PROPOSTI LEĠIŻLATTIVI
**23.** RIĊETTI



# AKTAR ĦIDMA GĦAL MALTA U GĦAWDEX

Għadda staġun ieħor sajfi, li nittama li serva ta' mistrieħ għal ħafna familji li issa jerġgħu jibdew ir-rutina anki għaliex reġgħet bdiet sena skolastika oħra. Il-ħidma tagħna xorta waħda ma waqfitx matul il-ġranet tas-sajf u komplejna nwettqu wegħdi importanti għas-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd u tad-drittijiet tal-annimali. Il-ħidma ssokktat mhux biss f'pajjiżna iżda anki barra minn xtutna.

Waqt waħda mil-laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri Ewropej tal-Agrikoltura li tlaqqa' fi Brussell, ġie diskuss il-futur tal-politika komuni dwar l-agrikoltura ta' wara s-sena 2020 u hawnhekk enfasizzajt li rridu naraw illi l-bdiewa u r-raħħala tagħna jingħataw l-assigurazzjoni u l-istabbilità li miżuri li qegħdin igawdu minnhom illum jibqgħu fis-seħħ. Ftit tal-ġimgħat qabel, waqt laqgħa tal-Ministri Ewropej tal-Agrikoltura u s-Sajd fil-Lussemburgu ħadna wkoll pożizzjoni ċara favur is-sajjieda ż-żgħar u kontra obbligi riġidi fuqhom. Dan kollu barra l-kampanja sfiqa u interessanti, li għamilna dwar il-qasam tas-sajd sabiex nilħqu l-maġġoranza tal-poplu, bħala parti mill-proġett Nesploraw Flimkien it-Teżori tal-Baħar.

Kien ta' pjaċir għalija li żammejna mal-wegħda li għamilna u wassalna wkoll in-New Water fil-gżira Għawdxija biex b'hekk qed nagħtu nifs ġdid lis-settur agrikolu f'Għawdex. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u lill-Ministru Joe Mizzi għal dan ix-xogħol sabiex anki l-bdiewa Għawdxin u mhux biss dawk Maltin ikollhom aċċess għan-New Water.

Il-fatt li għall-ewwel darba f'pajjiżna saret iċ-ċerimonja tal-għoti tal-warrants lil erba' veterinarji ġodda juri l-importanza li qiegħda tingħata lil din il-professjoni. Fil-fatt bħalissa għaddejjin ukoll diskussjonijiet sabiex jiżdiedu l-inċentivi u l-għajnuna għall-istudenti Maltin li jagħżlu li jsegwu dan il-kors tal-veterinarji. Komplejna ngħinu lill-Għaqdiet Mhux Governattivi li jieħdu ħsieb il-ħarsien tal-annimali u tajna madwar €14,000 f'għotjiet lill-NGOs li jieħdu ħsieb l-adozzjonijiet tal-annimali, liema għotjiet ingħaqdu ma' oħrajn li diġà ngħataw lil dawn l-għaqdiet.

Aktar dettalji dwar dan kollu se ssibuhom f'din l-edizzjoni ta' Nisġet Artna li nittama li għal darb'oħra terġgħu ssibuha informattiva u interessanti.

Tislijiet,

*Clint Camilleri*

# IL-KNISJA TAL-VITORJA - L-IMTAĦLEB, LIMITI TAR-RABAT

Dan l-artiklu nkiteb minn
David Bartolo
Riċerkatur tal-istorja ta' Malta



Ħarġa sabiħa fil-ħarifa żgur li tkun ideali lejn l-inħawi tar-Rabat u l-akkwati. Post tajjeb għal mixja f'dan l-istaġun huwa l-Imtaħleb, raħal żgħir fit-tarf tal-limiti tar-Rabat, lokalità mimlija storja u natura. Tiddomina f'dan l-irħajjel, insibu l-Knisja tal-Vitorja li hija mibnija f'tarf ta' art fuq ir-riħ ta' wied. Din tiċċelebra l-festa tal-Vitorja, l-eqreb Ħadd lejn it-8 ta' Settembru.

L-aktar dokumentazzjoni antika li tinsab dwar din il-knisja hija l-vista appostolika tad-Delegat Appostoliku Mons. Pietro Dusina. Huwa żar din il-knisja f'Jannar tal-1575. F'dan it-tagħrif hemm li l-knisja kienet imsemmija għal Santa Marija. Kien kważi seklu wara, f'nofs is-seklu 17 meta wieħed għani Giovanni-Vincenzo Castelletti biddel is-sitwazzjoni ta' din il-knisja.

Dan ħa f'idejh il-knisja permezz ta' twaqqif ta' ġuspatronat lajkali b'att legali fl-1636 u l-Isqof Balaguer approva t-tali twaqqif fl-1653. Hawnhekk l-isem inbidel u bdiet tissejjaħ bħala t-Twelid ta' Marija. Il-knisja ġiet irranġata u ġiet mogħtija rettur fejn l-ewwel kien il-Kjeriku Domenico Saliba.

Il-knisja nbniet mill-ġdid minn iben Giovanni-Vincenzo Castelletti, Andreotta Castelletti, fl-1656. Dan għamel ukoll l-kwadru titulari li hemm illum li juri lil Sant'Anna bil-Madonna tarbija fi ħdanha mdawra b'żewġ qaddisin u l-Anġlu Kustodju u l-istess Andreotta, li tpitter mill-pittur Portugiż Emanuele Pereira.

Wara ħafna żmien, il-knisja għaddiet għand il-familja D'Amico-Inguanez u wara t-Tieni Gwerra Dinjija saret statwa titulari fejn intużat l-istatwa tal-Vitorja tal-Isla





# NIPPROTEĠU LILL-BDIEWA U LIR-RAĦĦALA TAGĦNA



Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura Clint Camilleri flimkien mal-Ministru għall-Agrikoltura tas-Slovejna Dejan Židan

Waqt il-Kunsill tal-Ministri Ewropej tal-Agrikoltura li tlaqqa' fi Brussell, ġie diskuss il-futur tal-politika komuni dwar l-agrikoltura ta' wara s-sena 2020 fejn waqt dawn id-diskussjonijiet ħarġet aktar b'mod ċar l-importanza li l-Unjoni Ewopea tidentifika u timplimenta mekkaniżmi u miżuri sabiex tissimplifika u tadotta mekkaniżmi ta' sussidjarjetà bejn l-Istati Membri.

Waqt li indirizza l-Ministri tal-Kunsill, is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri sostna li l-punt tat-tluq sabiex jintlaħaq sens ta' simplifikazzjoni jibqa', illi miżuri li preżentament huma importanti, għall-bdiewa u r-raħħala f'pajjiżi differenti, jibqgħu fis-seħħ.

Irridu naraw illi l-bdiewa u r-raħħala jingħataw l-assigurazzjoni u l-istabbiltà li miżuri li qegħdin igawdu minnhom illum jibqgħu fis-seħħ. Dan għaliex hemm riskji akbar li tinħoloq aktar ambigwità u kumplessità jekk dawn ma jibqgħux fis-seħħ.

"Pajjiżna jħares 'il quddiem sabiex l-arranġament ġdid dwar il-politika komuni dwar l-agrikoltura ta' wara l-2020 joffri soluzzjonijiet li huma flessibbli, inqas kumplessi u b'regolamenti aktar ċari," tenna s-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura u s-Sajd Clint Camilleri.

L-Onorevoli Camilleri saħaq li l-Ewropa li rridu naspiraw għaliha hija Ewropa fejn verament tipproteġi lill-bdiewa u lir-raħħala, u dan permezz ta' proċeduri amministrattivi aktar sempliċi f'kuntest aktar wiesa' ta' sussidjarjetà.



Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri flimkien mal-Ministru għall-Iżvilupp Agrikolu tal-Greċja Evangelos Apostolou

# ID-DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI IMPENJAT F'AKTAR INIZJATTIVI

Dan l-artiklu nkiteb minn
Robert Cutajar
Principal fi ħdan id-Direttorat ta' l-Annimali

### Preżenti waqt attivitajiet popolari - Jum l-Imnarja fil-Buskett u t-Trade Fair f'Ta' Qali

Ta' kull sena, il-Gvern Ċentrali jorganizza festa kbira fil-Buskett fl-okkażjoni ta' Jum l-Imnarja. Ma jistax jonqos li f'attività ewlenija bħal din, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali ikun preżenti. Uffiċjali mid-Direttorat iltaqgħu man-nies tul l-attività kollha fejn taw dettalji u informazzjoni li tinteressa lill-pubbliku inġenerali. Inizjattivi bħal dawn ikomplu jgħinu dejjem aktar sabiex il-pubbliku jkun infurmat aktar dwar xiex tikkonsisti l-ħidma tad-Direttorat.

Matul ix-xhur sajfin tiġi organizzata wkoll dik li tradizzjonalment insejħu t-Trade Fair f'Ta' Qali fejn normalment eluf ta' nies iżuruha. Anke hawn, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali kien preżenti fejn uffiċjali mid-Direttorat iltaqgħu u tkellmu ma' ammont kbir ta' nies inklużi tfal. Ta' min wieħed jirrimarka b'mod pożittiv li f'dawn iż-żewġ attivitajiet ġew addottati aktar minn 30 kelb u qattus mill-pubbliku li żar l-istands tad-Direttorat.




### Parteċipazzjoni mill-ġdid waqt Skolasajf 2018

Bħas-snin passati, bejn Lulju u Settembru, ħaddiema mid-Direttorat ikunu impenjati waqt l-inizjattiva ta' Skolasajf b'koordinament mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES). B'kollox, matul dan is-sajf, se nkunu żorna 20 ċentru madwar Malta u Għawdex. Dawn il-laqgħat, li għalihom jattendu mijiet ta' tfal, ikunu jikkonsistu f'informazzjoni u tagħrif dwar ħidmet id-Direttorat u kampanji oħra nazzjonali li l-istess Direttorat ikun qed jaħdem fuqhom. Ma tonqosx ukoll il-preżenza ta' klieb u qtates waqt l-istess attivitajiet – xi ħaġa li t-tfal ikunu qed jistennew.

Preżentament, waqt Skolasajf 2018, qed jingħata tagħrif dwar diversi kampanji ewlenin li għaddejjin bħalissa, fosthom l-introduzzjoni tal-app ġdida li wieħed jista' jniżżel fuq il-mobile tiegħu. Permezz ta' din l-app wieħed isib l-informazzjoni kollha dwar is-servizzi li joffri d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali f'pajjiżna. Informazzjoni oħra li tingħata waqt dawn il-laqgħat mat-tfal hija dik dwar is-servizz 1717 kif ukoll l-addozzjoni tal-klieb u l-qtates.





### L-attività annwali fil-Jum Iddedikat lill-Annimali – 7 ta' Ottubru, 2018

Attività annwali li issa daħlet sew fil-kalendarju tal-attivitajiet popolari u li d-Direttorat ikun involut sew fiha hija dik tal-Jum Iddedikat lill-Annimali li ssir f'Ottubru ta' kull sena. Il-preparamenti għall-edizzjoni ta' din is-sena bħalissa jinsabu fl-aqwa tagħhom u hemm ippjanati diversi inizjattivi ġodda u innovattivi meta mqabbla mas-snin passati.

Bidla ewlenija se tkun il-post fejn se tiġi organizzata. Għall-ewwel darba l-edizzjoni ta' din is-sena, li ser issir nhar il-Ħadd 7 ta' Ottubru, se tkun qed tittella' fil-Petting Farm f'Ta' Qali. Dan il-post se jkun qed joffri aktar spazju fejn din l-attività tista' tiġi organizzata aħjar apparti l-fatt li se tkun qed tiġi solvuta darba għal dejjem il-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ għal dawk li jżuru jew li jkunu qed jipparteċipaw f'din l-attività. Fil-ġimgħat li ġejjin, fuq il-mezzi tax-xandir se jingħataw aktar dettalji dwar din l-attività.

Dawk l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, kantanti jew artisti li jixtiequ jieħdu sehem f'din l-attività jistgħu jibagħtu email bid-dettalji tagħhom lil Robert Cutajar fuq robert.a.cutajar@gov.mt

# NEW WATER - NIFS ĠDID LIS-SETTUR AGRIKOLU GĦAWDXI

Ftit tax-xhur ilu s-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura Clint Camilleri flimkien mal-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma Joe Mizzi żaru l-impjant taċ-Ċumnija, fil-Mellieħa u waqt dik l-istess żjara semmew kif wieħed mill-impjanti tan-New Water se jsir f'Għawdex. Din il-wegħda nżammet għaliex fil-bidu ta' Lulju kienet inawgurawta l-faċilità l-ġdida tan-New Water fejn kif kien imwiegħed, l-ilma trattat li kien qed jintefa' l-baħar beda jkun polished u użat għall-agrikoltura u l-industrija.

Kulħadd jaf li wieħed mir-riżorsi ewlenin sabiex il-bidwi jkun jista' jipprovdi fis-suq, prodott ta' kwalità tajba, huwa bla dubju ta' xejn l-ilma. Meta wieħed iqis il-klima sħuna u n-nuqqas ta' xita li kemm-il darba affettwaw lill-gżejjer tagħna għal perjodu konsiderevoli mis-sena, wieħed jirrealizza kemm il-provvista tal-ilma hija essenzjali sabiex il-bidwi jkun jista' jpoġġi fis-suq prodott illi jista' jiddistingwi ruħu fil-kwalità filwaqt li jassigura għajxien għall-familja.

F'dawn l-aħħar snin, il-Gvern permezz ta' fondi mill-Ewropa kif ukoll lokali ddeċieda li jinvesti mat-€22 miljun u juża dak l-ilma li kien qed jiġi mormi l-baħar wara li jiġi ttrattat. U għalhekk dan l-ilma ta' kwalità eċċellenti, ferm aħjar mill-ilma tal-pjan u dak tax-xita, ikun prodott u mogħti għall-użu tal-biedja.

L-għan prinċipali ta' dawn l-impjanti tal-ilma ġdid (NEW Water) kien illi tiġi offruta alternattiva għall-ilma tal-pjan. B'hekk, mingħajr ma tinħoloq rivoluzzjoni fuq is-sistemi ta' irrigazzjoni u użu tal-ilma, beda jiġi introdott dan l-ilma bl-iskop li l-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art tonqos drastikament. Dan ifisser illi qegħdin nittamaw li fis-snin li ġejjin, il-kwalità tal-ilma tal-pjan titjieb.

Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri enfasizza li l-ilma huwa ta' kwalità għolja biżżejjed biex jintuża b'mod sigur għall-irrigazzjoni, landscaping u għal ċerti tipi ta' industrija fost affarijiet oħra. Huwa għalaq billi rringrazzja lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u lill-Ministru Joe Mizzi għal dan ix-xogħol sabiex anki l-bdiewa Għawdxin u mhux biss dawk Maltin ikollhom aċċess għan-New Water.




Photo - MESDC - Joseph Mercieca

# GŻIRA TAL-KAPPAR, TAD-DWIELI U TAŻ-ŻEBBUĠ

Mhux qed nirreferu għal Malta (minkejja li dawn is-siġar u l-arbuxelli jeżistu ġmielhom fil-Gżejjer Maltin) imma għall-gżira ta' Pantellerija, li hija magħrufa sew għall-kultivazzjoni tagħhom. Pantellerija hija viċin tagħna f'termini ta' skala globali, 200 km 'l bogħod biss minn naħa tal-Majjistral tagħna u tinstab 77km 'l bogħod mit-Tuneżija u 100km 'l bogħod minn Sqallija. Dan ifisser li l-klima ta' din il-gżira hija simili ħafna għal tagħna, allura tista' timmaġina li għandna diversi speċi ta' pjanti komuni bejnietna. Anke d-daqs simili. Pantellerija hija naqra ikbar minn Għawdex, bi 83km2. Madankollu, kull gżira fil-Mediterran hija ġeoloġikament u ekoloġikament unika. Filwaqt li l-Gżejjer Maltin huma sedimentari, Pantellerija hija vulkanika. L-artijiet vulkaniċi huma magħrufin għall-fertilità tal-art minħabba l-varjetà kbira ta' minerali li jkollhom.

It-topografija ta' Pantellerija hija wkoll differenti minn Malta, fejn hi iktar muntanjuża minn dik ta' Malta. L-ogħla parti tinstab fuq Monte Grande, madwar 830m 'l fuq mil-livell tal-baħar, għoli biżżejjed biex jeħel is-sħab mal-għolja kbira. Din toħloq mikroklima partikolari li hija sors tal-ilma tajjeb ħafna, speċjalment fin-nixfa tas-sjuf. Pantellerija hija skarsa ħafna mill-ilma tal-akwiferi u min-nixxigħat.

Pantellerija ilha minn żmien il-qedem abitata mill-bniedem, kważi daqs il-Gżejjer Maltin. Din il-Gżira kellha ħafna ismijiet matul iż-żminijiet, fosthom Cossyra (bil-Malti tissejjaħ Qawsra) u Bint el Rehia (Bint ir-Riħ) li x'aktarx huwa l-oriġini tal-isem modern. Bħall-Gżejjer Maltin, u kif juri l-isem antik Għarbi tagħha, ċerti irwiefen huma b'saħħithom, li jaffettwaw ħafna kif jitkabbru s-siġar u l-ħxejjex agrikoli.

Għalhekk huwa interessanti kif il-Panteskani mexxielhom isostnu l-agrikoltura tagħhom f'dawn il-kundizzjonijiet ambjentali.

## Xena Ekoloġika

Ma jonqosx li nsemmu kemm hi sabiħa n-natura ekoloġika ta' din il-gżira. Bħal kull ġzira iżolata, jeżistu speċi ta' pjanti endemiċi, fosthom il-Ġiżi ta' Pantellerija (*Matthiola incana subsp.puchella*) li jixbah ħafna lill-Ġiżi ta' Malta, u l-famuża Sempreviva ta' Pantellerija (*Helichrysum ruprestre. var. erraere*) li hija komuni hawn, mhux bħas-Sempreviva t'Għawdex, li hi rari. F'Pantellerija nsibu boskijiet kbar tal-Ballut (*Quercus ilex*) u Żnuber tal-Baħar (*Pinus pinaster*), u makkja bellezza tat-Tengħud tas-Siġra (*Euphorbia dendroides*), Ġenista (*Spartum junceum*) u Ġenista ta' Pantellerija (*Genista aspalathoides. var. gussonei*), Riħan (*Myrtus communis*), Olivastru(*Phyllirea latifolia*) u Imbrajgla (*Arbutus unedo*). Ix-xagħri t'hawn huwa mimli bil-Klin (*Rosamarinus offcinalis*), Lavanda (*Lavandula stoechas*) u tliet speċi ta' Ċistu (*Cistus creticus, C. monspeliensis, C. salvifolius*)

Pantellerija tospita kwantità ġmielha t'għasafar tal-passa, bħall-Gamiem, Kuċċard Prim, Spanjulett, Ġojjini, kif ukoll għasafar residenti bħall-Merill, Għammiel tal-Bejt u Griedel. Pantellerija hija magħrufa wkoll għall-Fkieren tal-Art ta' Hermanni (Testudo hermanni) li x'aktarx kważi estinti fuq il-gżira, il-Gremxula tal-Italja (Podarcis siculus) u razza endemika tas-Serp Tan-Nagħla (Hemorrhois hippocrepis subsp. nigrescens)

## Xena Agrikola

Bla dubju l-agrikoltura hija l-ikbar industrija fil-gżira. Ix-xena agrikola hija evidenti, għalkemm fil-qedem kienet ferm ikbar. Dawk l-għelieqi li m'għadhomx jintużaw ġew ikkolonizzati bil-komunitajiet ta' siġar u arbuxelli li semmejna fil-kapitlu ta' qabel.

Siġar tal-frott li huma assoċjati mal-kampanja Maltija huma rari f'Pantellerija, bħall-Ħarrub, ir-Rummien u l-Lewż. It-Tin u t-Tut huma ferm iktar komuni u popolari f'Pantellerija.

L-iktar ħxejjex agrikoli li jiġu kkultivati f'din il-gżira huma l-Qarabagħli u Brunġiel, u l-iktar il-Kappar, meta f'Malta l-Kappar huwa biss arbuxell salvaġġ. Ix-xitla tal-kappar hija l-favorita tal-Panteskani li pjuttost tintuża ġmielha fil-gastronomija tal-lokal. Saħansitra nħolqot Koperattiva tal-Kappar li bis-saħħa tagħha l-Kappar ta' Pantellerija (*Capparis spinosa, var. inermis, cultivar Nocellara*) huwa



*Caper plantation on Linosa*



*Monastero Valley*



*Pantescan Donkey*

l-uniku Kappar rikonoxxut ta' kwalità superjuri. Fil-fatt kemm il-Ministeru Taljan tar-Riżorsi tal-Ikel b'digriet fit-2 ta' Diċembru 1993, ippubblikat fuq il-G.U.R.I. Nru 302 tal -27/12/1993, kif ukoll l-UE (Unjoni Ewropea) bir-reġ. CE N.1107 / 96, ippubblikat fuq G.U.C.E. L148 / 96 tal-21/06/1996, għarfu l-kwalità superjuri bl-I.G.P. (indikazzjoni ġeografika protetta). Dan il-Kappar jitkabbar ukoll fil-gżira ta' Linosa, gżira viċin ta' Lampedusa. Linosa hija wkoll vulkanika imma ferm iżgħar minn Pantellerija.

Interessanti kif jinżammu d-dwieli u ż-żebbug hawn. B'sistema tissejjaħ vite ad alberello d-dwieli kull sena jiżbruhom sal-art allura kull sena jkabbru friegħi ġodda biss, metodu antik u probabbli ta' żmien in-Neolitiċi. Iż-Żibibo u l-Moscato huma l-iktar żewġ varjetajiet ikkultivati f'Pantellerija. Il-Passito huwa popolari ħafna hawn. F'Malta wkoll id-dwieli tal-Girgentina u tal-Ġellewża tradizzjonalment huma mħarrġa fil-metodu ta' bush sprawling, imma ż-żewġ tekniki prinċipali ta' żbir b'mod kummerċjali huma l-Guyot u Cordone Speronato.

Is-siġar taż-żebbug jinżammu bħala arbuxelli baxxi u miftuħin qishom umbrel, mhux iktar minn metru u nofs għoli mill-art. Ir-raġuni prinċipali hija minħabba r-riħ qawwi, kif ukoll sabiex il-friegħi li jisparaw 'il fuq jtellfu min-nutrizzjoni tal-friegħi mdendlin, li l-iktar li jipproduċu l-frott taż-żebbuġa. Din id-drawwa sservi bħala faċilità biex tiġbor iż-żebbuġ ukoll, għax kollu jinġabar bl-idejn, l-istess bħall-għeneb u bħall-kappar. F'Malta m'għandniex din id-drawwa għaż-żebbuġ.

Fi skala żgħira, il-Jojoba (*Simmondsia chinensis*), siġra mill-Amerka ta' Fuq tiġi kkultivata wkoll, għaż-żejt tagħha.

Dan l-artiklu nkiteb minn
Jeffrey u Arnold Sciberras
Jeffrey Sciberras huwa botanista jispeċjalizza fuq endemiżmu ta' speċi Mediterranji. Arnold Sciberras huwa konsulent fuq l-immaniġġjar tal-posti. It-tnejn huma riċerkaturi fuq il-bijodiversità

Filwaqt li l-kultivazzjoni tad-dwieli, tal-kappar u taż-żebbug huma tipiċi assoċjati mal-agrikultura Panteska, huma wkoll uniċi id-djar tas-sejjieħ tradizzjonali li jissejħu Dammusi, kif ukoll il-ġonna Panteski, mibnija mill-ġebel tas-sejjieħ, għas-siġar tal-frott. Il-ġonna tas-sejjieħ Panteski għandhom forma ta' giren imma bla soqfa, u jintużaw l-iktar għall-frott taċ-ċitru, li ma jiflaħx għall-irwiefen qawwijin. F'Malta għandna l-użanza li ndawru l-għelieqi bil-bajtar tax-xewk, bis-siġar tar-rummien u bil-qasab, biex nilqgħu mir-riħ.

Fil-qedem kien hemm ukoll il-ħnieżer suwed, tiġieġ għonqu mikxuf u ħmir Panteskani, razez domestiċi li kienu endemiċi għall-post, li llum tista' tgħid inqerdu għalkollox ħlief il-ftit ħmir li fadal f'Erice, fi Trapani, Sqallija. Il-ħmar Panteskan kellu mixja kemxejn mhux tas-soltu biex ikun jista' jimxi bil-galbu qalb l-għelieqi mtarrġin u ż-żrieraq weqfin tal-gżira.

Għal aktar tagħrif żur
http://capperipantelleria.com/riconoscimenti/,
http://www.underthealmondtree.com/pantelleria/
u https://www.facebook.com/Columbatopia
https://www.timesofmalta.com/articles/view/20170127/food-drink/world-masters-of-grape-vine-pruning.637656


Pantescan everlasting garigue


Pantescan garden


Sesi


Short Fig Trees


Pantescan Gizi


Short Pruned Olives on Pantelleria


Pantescan Garden


Pantescan woodland


Short olive




**Tiħux riskji fuq mard tal-pjanti:**
Irrapporta sinjali fuq il-mowbajl app **Flora & Fauna**

MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA



**NIŻŻEL L-APP**
FLORA & FAUNA

IRRAPPORTA ORGANIŻMI TA' ĦSARA GĦALL-PJANTI

IRRAPPORTA PJANTI INFETTATI



**NIŻŻEL L-APP**
FLORA & FAUNA

Din l-app tipprovdi l-opportunità lis-sidien tal-artijiet u lill-okkupanti flimkien mal-pubbliku ġenerali, biex jinnotifikaw il-preżenza ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u jirrappurtaw pjanti infettati direttament lid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti. F'din l-app hemm ukoll l-inklużjoni ta' librerija viżwali bi klipps informattivi dwar organiżmi ta' ħsara għall-pjanti.

Għal aktar informazzjoni żur il-websajt tad-Direttorat
**www.plantprotection.gov.mt**

# IS-SIĠRA TAŻ-ŻEBBUĠ U Ż-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA MALTI

Dan l-artiklu nkiteb minn
Claire Cauchi
Uffiċjal Agrikolu Anzjan

Is-siġar taż-żebbuġ jinsabu f'ħafna mill-pajjiżi tal-Mediterran, fosthom l-Italja, Spanja u l-Greċja. Mijiet ta' snin ilu f'pajjiżna wkoll kienu jitkabbru s-siġar taż-żebbuġ f'ħafna postijiet, u ħafna rħula għadhom iġorru dan f'isimhom, bħal Ħaż-Żebbuġ, Birżebbuġa u ż-Żejtun. Fi żmien ir-Rumani kien hawn industrija kbira u għad fadal ukoll fdalijiet ta' magħsar taż-żebbuġ li konna nsibu f'dawk iż-żminijiet, fosthom dak ta' ġewwa l-Villa Rumana ta' San Pawl Milqi. Din l-industrija biż-żmien intilfet u bdew deħlin industriji oħra bħal dawk tal-qamħ u l-qoton, iżda llum iż-żebbuġa qed terġa' tieħu postha fir-raba' Malti u Għawdxi u ħafna dilettanti u bdiewa qegħdin ikabbruha f'ammonti kbar sabiex jipproduċu ż-żejt.

Is-siġar taż-żebbuġ huma adattati ħafna għall-klima Mediterranja għaliex jeħtieġu ħafna xemx. Bħala siġra tikber f'kull tip ta' ħamrija, però huwa importanti li din tkun fonda biżżejjed sabiex tqabbad sew l-għeruq. Hija timmatura u tibda tagħtina l-frott ta' madwar erba' snin. Il-weraq ta' din is-siġra huma partikolari. Dan għaliex il-lewn tagħhom huwa ħadrani skur filwaqt li minn taħt hija ta' lewn griż. Il-fjuri huma żgħar, għandhom riħa pjaċevoli u ta' lewn il-panna. Il-frott ġeneralment jinqata' f'Ottubru, u tinduna li sar sew għaliex jibda jaqleb fil-vjola, għalkemm hawn minnhom ukoll li jibqgħu ħodor u oħrajn jaqilbu fl-oranġjo skur. Hawn varjetajiet li jitkabbru biss għaż-żejt, filwaqt li oħrajn huma tajbin anke għall-mejda.

Iż-żejt taż-żebbuga fih ħafna benefiċċji, fosthom li jgħin anke biex ibaxxi l-livell tal-kolesterol. Il-proċess sabiex isir dan iż-żejt huwa pjuttost faċli bil-makkinarju li nsibu fis-suq. Kif għedna iktar kmieni fl-artiklu, iż-żebbuġ jinqata' għall-ħabta t'Ottubru. Kif ikun għadu jinqata', dan jintiżen u jittieħed għand l-għassar fejn jibda l-proċess biex jingħasar.

Fil-bidu tal-proċess iż-żebbuġ jitnaddaf sew mit-trabijiet, jitneħħew xi zkuk u weraq li jkun għad fadal imwaħħla u jinħasel sew sabiex ma jifdalx pestiċidi li jista' jkun hemm fuq iż-żebbuġa. It-tieni parti tal-proċess tinvolvi t-tkissir taż-żebbuġ sakemm jiġi mitħun. Dan il-proċess iqatta' ċ-ċelloli taż-żebbuġa u jiffaċilita biex joħroġ iż-żejt. Fit-tielet parti tal-proċess it-taħlita tkompli titħallat għal madwar 45 minuta.

Wara dan kollu issa jkun imiss li wieħed jissepara ż-żejt mill-bqija taż-żebbuġa. Dan isir permezz tal-pressa tal-magħsar taż-żejt. L-iktar ħaġa importanti hija li ż-żejt jinħażen ġo kontenituri tal-istainless steel f'temperaturi friski, u wara dan kollu jiġi bbottiljat fi fliexken ta' kulur skur. Iż-żamma ta' ndafa hija l-iktar ħaġa importanti matul dan il-proċess sabiex iż-żejt ma jikkontaminax ruħu u jżomm frisk sad-data tal-iskadenza.




*Iż-żejt taż-żebbuga*

# NESPLORAW FLIMKIEN IT-TEŻORI TAL-BAĦAR

Fit-22 ta' Ġunju ċċelebrajna l-Jum Marittimu Ewropew, jum li għandu l-għan li jwassal l-importanza tal-ibħra madwar l-Ewropa u l-pajjiżi viċin. Iżda mhux biss. F'dan il-jum għandna nwasslu wkoll għarfien dwar l-importanza tax-xogħol tas-sajjieda tagħna u fuq kollox l-importanza tas-sajjieda ż-żgħar li mhux biss dan il-Gvern u s-Segretarju Parlamentari għas-Sajd jinsabu kommessi li jissalvagwardjawhom, iżda wkoll ikomplu jgħinuhom bl-aħjar mod possibbli sabiex isaħħu l-ħidma tagħhom. Dan, is-Segretarju Parlamentari Camilleri jagħmlu anki barra minn xtutna.

Ftit tal-ġimgħat ilu waqt laqgħa tal-Ministri Ewropej tal-Agrikoltura u s-Sajd fil-Lussemburgu, Malta ħadet pożizzjoni ċara favur is-sajjieda ż-żgħar. Dan hekk kif bdiet tiġi diskussa l-proposta l-ġdida li ressqet il-Kummissjoni Ewropea fuq il-Politika Komuni għas-Sajd, fejn din issuġġeriet iż-żieda ta' kontrolli li effettivament ifissru piżijiet finanzjarji u aktar burokrazija fuq is-sajjieda ż-żgħar.

Waqt l-istess laqgħa l-Onorevoli Clint Camilleri qal li filwaqt li Malta tilqa' r-riforma f'din il-politika li tindirizza numru ta' kwistjonijiet fejn jidħlu l-immaniġġjar u t-twettiq tagħha, però qiegħda tħoss li din il-politika se ddaħħal obbligi ġodda, obbligi aktar riġidi fuq is-sajjieda ż-żgħar, speċjalment fuq id-dgħajjes ta' taħt it-12-il metru.

Il-Perit Camilleri spjega li ma qbilniex ma' din il-proposta għaliex effettivament se tkun qiegħda taqta' qalb is-sajjieda, se tkun qiegħda tpoġġi obbligi esaġerati fuq is-sajjied, speċjalment fuq is-sajjied iż-żgħir Malti u għaldaqstant filwaqt li nemmnu li jrid ikun hemm regoli, li jrid ikun hemm sigurtà, li jrid ikun hemm ukoll kontrolli, wieħed irid jindirizza dawn b'mod sensittiv, b'mod li ma jagħmilx ħsara lil dan is-settur.

Kulħadd jaf l-importanza tal-edukazzjoni sa minn meta t-tfal ikunu għadhom fl-ewwel snin tal-primarja u kemm dan l-istess għarfien se jkun rifless fil-ġenerazzjonijiet futuri. Ftit tal-ġimgħat ilu tnedew il-kotba bil-Malti u bl-Ingliż *Nesploraw Flimkien it-Teżori tal-Baħar! / Exploring Together the Treasures of the Sea!* fl-Iskola Primarja tar-Rabat, Għawdex, bħala parti minn proġett li għandu l-istess isem. Dan il-proġett inqasam fi tliet fażijiet prinċipali.

L-istudenti li jattendu t-tielet u r-raba' sena tal-iskola primarja matul is-sena skolastika 2017-2018 kienu l-udjenza ewlenija mmirata matul l-ewwel fażi. Dan għaliex il-klassi hija l-fulkru tas-sistema edukattiva u hija l-post fejn l-istudenti jibdew jiġu esposti għal materjal ġdid u jifformulaw



Photo - MESDC - Joseph Mercieca

# IT-TEŻORI

l-opinjonijiet tagħhom. Fil-fatt saru numru ta' attivitajiet u ngħata materjal informattiv lill-iskejjel Primarji f'Malta u f'Għawdex permezz ta' diversi mezzi li t-tfal isibu attraenti bħal: filmat animat ta' tliet minuti disponibbli fuq it-tablet tal-istudenti, ktieb kbir bil-Malti u ieħor bl-Ingliż akkumpanjat b'pupazz u mascot ta' daqs kbir. Dawn tqassmu lill-istudenti tal-primarja tat-tielet u r-raba' sena bħala parti minn kampanja dwar is-settur tas-sajd li fil-fatt għandha l-għan li tikkomunika dawn it-tliet messaġġi prinċipali:

(i) għarfien dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut lokali

(ii) konsum sostenibbli tal-ħut u

(iii) ir-rwol ta' kull individwu fl-assistenza għall-isforzi ta' konservazzjoni.

Huwa ta' sodisfazzjon li 19-il skola madwar Malta u Għawdex applikaw u qegħdin jipparteċipaw f'dan il-proġett. Waqt żjarat li kellhom, l-istudenti tat-tielet u r-raba' sena fl-iskola primarja qed jingħataw informazzjoni permezz ta' grafika tal-ħut, dwar liema huma l-ħames speċi ta' ħut l-iktar sostenibbli (Gattarell, Vopa, Kavall, Sawrell, u Raja tal-fosos) u dwar speċi ta' ħut li qed jiġi kontinwament sfruttat (il-Pixxispad).

Fit-tieni fażi, sabiex tintlaħaq udjenza akbar wiesgħa, id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura nieda reklamar biex jitwassal l-għan ta' din il-kampanja. It-tielet fażi, imbagħad għaqqdet iż-żewġ fażijiet preċedenti permezz ta' attività ta' open weekend li d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura organizza ġewwa l-Pixkerija. Dan l-open weekend kien immirat biex il-pubbliku ġenerali jingħata l-opportunità li jitgħallem fatti interessanti u divertenti dwar is-settur tas-sajd. Barra minn hekk, saret ukoll mawra qasira sal-Pixkerija, fejn dawk interessati ngħataw l-opportunità li jkunu jafu dak li jseħħ waqt l-irkant tal-ħut fil-Pixkerija u setgħu jifhmu kif taħdem is-sistema.

Din l-attività, li kienet miftuħa mill-għaxra ta' filgħodu sal-erbgħa ta' waranofsinhar u mifruxa fuq tlett ijiem, kienet immirata għall-pubbliku ġenerali u matulha kien hemm sezzjonijiet differenti fejn il-partijiet interessati xerrdu l-informazzjoni u wrew ix-xogħol tagħhom f'konnessjoni mas-settur tas-sajd. Barra minn hekk, intwerew ukoll it-tpenġijiet li l-istudenti għamlu relatati mas-settur tas-sajd. Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd Clint Camilleri rringrazzja lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura li dejjem jipprova jwassal il-messaġġi dwar is-settur tas-sajd b'mod interessanti sabiex tintlaħaq il-maġġoranza tal-popolazzjoni.



Photo - MESDC - Joseph Mercieca

# L-ISTAZZJON TAR-RIĊERKA GĦALL-VITIKULTURA U L-OENOLOĠIJA TAL-BUSKETT

Id-dielja hija waħda mill-aktar varjetà ta' siġar tal-frott qodma li nistgħu nsibu jikbru fil-Gżejjer Maltin. Ta' min jgħid li din is-siġra kienet popolari ħafna peress li kienet u għadha tintuża ħafna għall-produzzjoni tal-aktar tip ta' xorb alkoħoliku antik li jeżisti, li huwa l-inbid.

Mal-bidla taż-żmien, id-dwieli hawn Malta bdew jitkabbru aktar għalkemm jingħad li l- ammont ta' art imħawla bid-dwieli kienet akbar. Kienu jinstabu ħafna aktar varjetajiet minn dawk li nsibu llum, u dawn kienu kollha jitkabbru f'irħula jew f'partijiet differenti ta' Malta jew Għawdex. F'kull lokalità kont issib konċentrazzjoni ta' varjetajiet differenti li mhux dejjem kont issib f'irħula oħra.

Il-metodi ta' tkabbir tad-dielja wkoll kienu differenti minn tal-lum. Id-dielja kienet titkabbar fil-forma ta' arbuxxell u dan sabiex l-għeneb ma jkunx imiss mal-ħamrija u titnaqqas il-possibbiltà ta' moffa li tista' tikkawża ħsara fuq il-frott. Dan iż-żmien din it-teknika nbidlet u minflok fil-forma ta' arbuxxell, id-dwieli qed jitkabbru mxebilkin fuq il-pilastri u l-fildiferru, aktar magħrufa bħala "l-ispalliera".

Ta' min jgħid li l-livell tal-inbid ukoll f'dawn l-aħħar snin tjieb ħafna. Il-prodott ewlieni li huwa l-għenba, saret tkun aktar ta' kwalità u l-bidwi qed jippreferi li jagħżel li jagħti aktar kaz tal-kwalità milli tal-kwantità. Id-dwieli saru jitkabbru aktar professjonalment u bis-saħħa ta' hekk saru jintużaw metodi ġodda sabiex il-kwalità tal-frotta tkun aktar superjuri.



## Il-Winery tal-Buskett

Tajjeb li wieħed jgħid li dan il-post beda jieħu l-ħajja lura wara l-gwerra meta l-Gvern ta' dak iż-żmien ħass li kellu jibda jinkoraġġixxi t-tkabbir ta' aktar dwieli għall-produzzjoni tal-inbid. Tajjeb li wieħed jgħid li dak iż-żmien, ħafna mill-inbid li kien jinxtorob kien jiġi impurtat għalhekk il-Gvern ta' dak iż-żmien ra li Malta għandna l-klima u t-temperatura ideali għat-tkabbir tad-dwieli. Kien għalhekk li l-Gvern beda programm ta' studju fejn beda jħajjar lill-bdiewa biex ikabbru aktar dwieli fl-art tagħhom. Kien f'dak iż-żmien meta l-Gvern beda juża l-bini l-antik li kien hemm f'dak il-post sabiex inissel dwieli slavaġ. Dawn aktar 'il quddiem kienu jiġu provduti lill-bdiewa sabiex aktar 'il quddiem ikunu mlaqqma għal dwieli li jipproduċu għeneb sabiex isir l-inbid. Fil-bini l-antik instab ukoll makkinarju antik li kien jintuża għall-produzzjoni tal-inbid.

Aktar tard fis-snin kienu ntużaw fondi sabiex tinbena binja ġdida fejn tkun tista' tintuża bħala winery sperimentali. Dan sabiex tkun tista' ssir riċerka fuq tekniki u sistemi ta' produzzjoni ta' nbid aktar moderni u addattati għal dawk iż-żmenijiet. Dak iż-żmien il-Gvern kien ikkummissjona persuna mill-Università f'Kalifornja sabiex tagħmel dan l-istudju fuq id-dwieli u l-inbid. Aktar tard din il-persuna bdiet tgħallem lill-ħaddiema Maltin biex ikunu jistgħu jkomplu fuq dan ix-xogħol. Maż-żmien il-winery kibret u kienet ġiet attrezzata b'makkinarju modern. Din bdiet topera u kienet tagħsar ammont konsiderevoli ta' għeneb li kien jitkabbar f'art tal-gvern. Din il-winery kienet ġiet ukoll attrezzata b'laboratorju żgħir li kien pjuttost modern għal dawk iż-żmenijiet.

Dan l-artiklu nkiteb minn
Gilbert Camilleri
Uffiċjal Xjentifiku



Maż-żmien infetħu aktar wineries privati u dan il-post beda jiġi mogħti anqas importanza sakemm fl-aħħar spiċċa abbandunat. Kien għall-ħabta tal-2010 meta nibtet il-ħajra li dan il-post jiġi rrestawrat u jerġa' jinfetaħ bħala winery sperimentali u post fejn issir riċerka u studji fuq it-tkabbir tad-dwieli u l-produzzjoni tal-inbid. Kienu nġiebu fondi mill-EU Interregional Funding Italia-Malta u kien fl-2011 li dan il-post reġa' beda jitranġa u tlesta fl-2013. Dawn il-fondi ntużaw ukoll sabiex jinxtara apparat li kien jonqos sabiex tintrama l-binja. Reġgħu ġew armati żewġ laboratorji b'apparat li kien inxtara xi ftit taż-żmien qabel. Aktar tard kienu nġiebu l-fondi u l-post kien intrama b'panelli solari. Kienu saru studji sabiex dawn il-panelli jintużaw sabiex jiġġeneraw il-kesħa li jkun hemm bżonn waqt il-produzzjoni tal-inbid.

Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-winery sperimentali hija biex ta' kull sena tipprepara kampjuni ta' nbid sabiex isiru testijiet hekk imsejħa "Isotopic Analysis". Dawn it-testijiet huma ta' importanza kbira għaliex b'dawn ir-riżultati Malta tkun taf x'karatteristiċi għandu l-inbid Malti. Għalhekk il-Gvern juża din l-informazzjoni sabiex tivverifika jekk l-inbejjed li jkun hawn fis-suq ikunux tassew Maltin.

Il-winery hija armata wkoll b'makkinarju mill-aktar modern sabiex jingħasar l-inbid. Kif semmejna, ġiet attrezzata b'żewġ laboratorji li jistgħu jintużaw sabiex isiru testijiet fuq l-inbid li jiġi magħmul. Dan il-post ġie mdawwar b'vinji ġodda tal-varjetà Ġellewza u Girgentina li huma varjetajiet Maltin. Il-Ġellewza tipproduċi għeneb aħmar skur ħafna u l-Girgentina tipproduċi għeneb safrani.





# ID-DEMMIELA U L-ĠBIR TAD-DEMEL

Għal ħafna nies id-demmiela (manure clamp) hija pjuttost xi ħaġa ġdida, iżda mar-raħħala hija familjari sew. Din tikkonsisti f'maħżen sempliċi bi twieqi kbar miftuħin fejn jista' jinħażen id-demel matul ix-xhur tax-xitwa. L-art tagħha trid tkun tal-konkos ibbattmat tajjeb u maħdum b'mod li taqleb għal ġo fossa. Kemm id-demmiela kif ukoll il-fossa konnessa jridu jkunu ċċertifikati minn perit li ma jnixxux.

Hekk kif Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea, il-bdiewa u r-raħħala Maltin kellhom jaddattaw ix-xogħol tagħhom u jibnu strutturi ġodda fl-irziezet sabiex jissodisfaw l-obbligi li ġġorr magħha d-direttiva tan-nitrati. Malta ġiet ikklassifikata bħala post vulnerabbli minħabba l-ammont kbir ta' nitrati fl-ilma tal-pjan. F'dan ir-rigward għaddiet il-liġi sussidjarja 549.66 fejn telenka sett ta' regoli li kull bidwi u raħħal għandu jimxi magħhom.

Fost dawn ir-regoli nsibu li l-bhejjem iridu jinżammu taħt saqaf b'mod permanenti u li d-demel irid jinħażen ġo demmiela jew fossa bejn il-15 ta' Ottubru sal-15 ta' Marzu. Dan ifisser li ħadd ma jista' jħalli bhejjem ġol-btieħi u lanqas jista' jinħażen demel ġo raba' fil-miftuħ jekk mhux fis-sajf fejn se jitferrex bħala fertilizzant.

L-irziezet tal-baqar kienu fost l-aktar li raw strutturar. Minbarra d-demmiela, kellhom jibnu tined tal-metall jew strutturi tal-konkrit biex jakkomodaw il-baqar flimkien ma' sistemi oħra tal-ġbir tad-demel. Ġeneralment il-baqar kienu jinżammu ġo xi għalqa u kellhom biss xi rokna msaqqfa biex jistkennu taħtha. Id-demel kien jinġabar bil-gaffa u jinħażen ġo għalqa oħra, imbagħad jitqalleb u jinbiegħ bħala fertilizzant fis-sajf. Peress li fil-preżent il-bhejjem qegħdin jinżammu ġewwa, id-demel prodott qed ikun aktar likwidu u għalhekk jinġabar ġo fossa.

Sabiex jinġabar id-demel minn taħt il-bhejjem hemm żewġ sistemi komuni. Hemm is-sistema tal-iscrapers jew kif inhi magħrufa mar-raħħala bl-isqueezers. Kull baqra jkollha sodda tal-konkos fejn torqod li normalment tkun miksija b'folja tal-lasktu jew tinfirex biċ-ċana. Id-demel u l-awrina jaqa' fil-passaġġ wiesa' ta' wara s-sodod fejn ikun jista' jiġi imbuttat għal ġol-fossa permezz ta' xafra tal-metall li taħdem b'mod awtomatiku. Is-sistema l-oħra hija simili ħafna fejn jidħlu s-sodod iżda l-passaġġ wiesa' din id-darba jkun magħmul minn perforated floor jew kif inhu magħruf mar-raħħala bħala spralli. Taħt dawn l-ispralli tal-konkos ikun hemm fosos tal-qies fejn jilqgħu d-demel u l-awrina.

Ladarba d-demel ikun maħżun ġo fossa jkun imiss li jiġi ppumpjat ġos-seperator li jkun armat fuq id-demmiela biex jingħasar u d-demel solidu jinħażen ġod-demmiela filwaqt li l-ilma li joħroġ jinġarr bit-trakk u jiġi ddepożitat fis-sewer manholes indikati mill-awtorità kkonċernata.



# TAD-DEMEL

Dan l-artiklu nkiteb minn
Philip Camilleri
Uffiċjal Xjentifiku fi ħdan
id-Direttorat tal-Agrikoltura

Fil-każ tal-irziezet tal-majjali, il-biċċa l-kbira qegħdin armati bl-isprali u simili tal-irziezet tal-baqar, id-demel likwidu jinġabar ġol-fossa wkoll. Xi wħud mir-raħħala jippreferu jiġbru xi ftit demel solidu bil-pala u jaħżnuh ġod-demmiela direttament.

It-tiġieġ tal-bajd ħafna drabi jinżammu ġol-gaġeġ fejn l-ilma, il-ġwież, il-ġbir tal-bajd u t-taħmil tad-demel isir kollox b'mod awtomatiku u mekkanizzat. Taħt il-gaġeġ ikun attrezzat b'conveyer belts u d-demel jitwassal fid-demmiela b'mod awtomatiku. It-tiġieġ tas-simna jinżammu ġol-imħażen direttament fuq art tal-kokos u tinfirex iċ-ċana biex jinżamm taħthom xott u nadif. It-taħmil isir bil-pala jew permezz ta' gaffa żgħira wara l-qatla u d-demel jinħażen ġod-demmiela wkoll.

Il-fniek jitrabbew fil-gaġeġ, simili ħafna tat-tiġieġ tal-bajd, id-demel jaqa' taħt fuq conveyer belt li jkunu jwasslu lejn id-demmiela. Hemm xi wħud li d-demel jaqa' ġo kanali wiesgħa daqs il-gaġeġ, imbagħad id-demel jinġabar bil-pala u l-awrina tinħasel bil-pajp għal ġol-fossa.

Xi wħud mill-irziezet tan-nagħaġ u tal-mogħoż ukoll huma attrezzati bid-demmiela, imma f'dan il-każ biss l-użu tad-demmiela mhuwiex obbligatorju. Dan għaliex dawn il-bhejjem jistgħu jinżammu bis-sistema tad-deep litter jiġifieri d-demel jitħalla taħthom tul ix-xhur tax-xita bi friex adekwat taħthom. Imbagħad it-taħmil ikun jista' jsir bejn il-15 ta' Marzu u l-15 ta' Ottubru u d-demel jinħareġ direttament fir-raba' fejn ikun se jitferrex.

Kif wieħed jista' jara d-demmiela saret parti mill-istrutturi li għandu jkun hemm f'kull razzett. Xi wħud kbar ħafna u msaqqfin bil-planki tal-konkos, oħrajn iżgħar mibnija skont kemm jesa' r-razzett. Il-kobor jinħadem mill-perit li jkun qed jaħdem fuq l-ippjantar tar-razzett permezz ta' formola apposta skont it-tip ta' bhejjem u l-popolazzjoni li jiflaħ ir-razzett. Ladarba l-pjanti jgħaddu għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet, id-Direttorat jerġa' jaħdem il-qies u jikkoreġi skont il-ħtieġa.

Id-demmiela trid tkun biss fil-konfini tar-razzett minħabba li d-demel fix-xitwa ma jistax joħroġ minn ġor-razzett. Id-demel jinħareġ mid-demmiela biss bejn il-15 ta' Marzu u l-15 ta' Ottubru, jitgħabba fit-trakk u jinġarr direttament fl-għalqa fejn ikun se jitferrex. Hemmhekk ikun jista' jinżamm sa massimu ta' 120 ġurnata biex jinxef u jinħadem aħjar fir-raba'.

Kull bidwi huwa obbligat li jagħmel il-kors tan-nitrati biex ikun infurmat fuq kif għandu jinħadem u jintuża d-demel. Dawn il-korsijiet qosra joffrihom il-Gvern mingħajr ħlas u jsiru minn żmien għall-ieħor f'diversi postijiet madwar Malta u Għawdex. Wieħed jista' jinkiteb billi jċempel lid-Direttorat tal-Agrikoltura fuq 22924303/4



# RIĊERKA FIS-SETTUR TAL-BAQAR MIŻMUMA GĦALL-PRODUZZJONI TAL-ĦALIB F'MALTA – NIFHMU AĦJAR IL-FERTILITÀ TAL-BAQRA GĦAL PROFITTI AKBAR GĦAR-RAĦĦAL

Is-settur tal-baqar tal-ħalib huwa settur importanti ħafna ġewwa pajjiżna anke minħabba l-fatt li l-ħalib jiġi trasformat f'numru mdaqqas ta' prodotti tal-ikel kif ukoll tax-xorb. Għalkemm ir-raħħala jippruvaw jagħmlu dak kollu li jistgħu biex il-baqar tagħhom ikunu miżmuma bl-aħjar mod possibbli, dawn dejjem jaffaċċjaw numru ta' diffikultajiet, bħal pereżempju n-nuqqas ta' fertilità tal-baqra – fattur importanti ħafna fl-immaniġġjar ta' razzett minħabba li kemm il-produzzjoni tal-ħalib kif ukoll il-profittabilità tar-razzett tista' tiġi affettwata. Huwa għalhekk li ġie deċiż illi ssir riċerka sabiex jiġi mifhum aktar dan il-fenomenu.

F'din ir-riċerka ġew analizzati żewġ fatturi li jistgħu jaffettwaw il-fertilità tal-baqra – jiġifieri l-ammont ta' nitroġenu tal-urea fil-ħalib (MUN) u l-produzzjoni tal-ħalib. Fl-ewwel parti tar-riċerka ġiet evalwata l-korrelazzjoni ta' bejn l-MUN u kemm il-baqra tieħu żmien minn mindu twelled sakemm terġa' tinqabad tqila, perjodu li bl-Ingliż nafuh bħala *days open* filwaqt li fit-tieni parti tar-riċerka ġiet analizzata l-korrelazzjoni ta' bejn il-produzzjoni tal-ħalib u d-*days open*.

Il-korrelazzjoni ta' bejn l-MUN u d-*days open* instabet billi l-ewwel ittieħdu kampjuni tal-ħalib kull għaxart ijiem minn kull baqra li ntużat għar-riċerka sakemm dawn l-istess baqar għalqu l-100 ġuranta jeħilbu. Il-kampjuni tal-ħalib ittieħdu matul il-ħelba ta' filgħodu u kienu jibqgħu sejrin għall-analażi ġewwa l-laboratorju tal-Malta Dairy Products. Min-naħa l-oħra id-*days open* ġew imkejla billi nġabret l-informazzjoni minn programm użat apposta fuq ir-razzett li bl-Ingliż jissejjaħ il-Herd Management Software Program (Crystal Program). Minn fuq dan il-programm ittieħed iż-żmien meta l-baqra welldet kif ukoll iż-żmien meta l-baqra reġgħet inqabdet tqila biex b'hekk seta' jinħareġ iż-żmien li ngħidulu *days open*.

Il-korrelazzjoni ta' bejn il-produzzjoni tal-ħalib u d-*days open* ġiet analizzata billi nġabret l-informazzjoni dwar il-produzzjoni tal-ħalib ta' kull baqra minn fuq l-istess programm imsemmi hawn fuq, il-Crystal Program.

Il-baqar bdew jiġu ċċekkjati jekk humiex sħan (*in oestrus*) viżwalment kif ukoll b'verifikazzjoni mal-Crystal





Dan l-artiklu nkiteb minn
Amaya Mercieca Frantz
(studenta fl-MCAST)
flimkien ma'
Joseph Jason Abela
(għalliem fl-MCAST)

Program. Meta baqra kienet tkun sħuna din kienet tiġi mgħammra bl-inseminazzjoni artifiċjali u/ jew bil-proċess naturali, jiġifieri bl-għoġol. Wara 45 ġurnata, il-baqra mgħammra kienet issirilha dijanjosi tat-tqala permezz ta' palpazzjoni mir-rektum - proċess li kien jiġi mwettaq minn persuna mħarrġa.

Il-proċess deskritt hawn fuq ġie mwettaq fuq 70 baqra tal-ħalib bejn l-2016 u l-2018.

Instab li m'hemm l-ebda korrelazzjoni bejn l-MUN u d-*days open*, jiġifieri ma hemm xejn x'jindika li l-MUN taffettwa d-*days open*. Instab però li hemm korrelazzjoni pożittiva bejn il-produzzjoni tal-ħalib u d-days open. Dan iffisser illi meta l-produzzjoni tal-ħalib tal-baqra tiżdied, il-ġranet minn meta twelled baqra sa meta tinqabad tqila jiżdiedu wkoll. Minn aktar analiżi ġie wkoll stabbilit li dawk il-baqar li kellhom produzzjoni medja jew għolja kienu jdumu medja ta' 115-il ġurnata sakemm jinqabdu tqal.

B'hekk seta' jiġi konkluż li baqar li jeħilbu ammonti kbar ta' ħalib (jiġifieri madwar 6,000 u 13,000 litru f'kull produzzjoni) idumu iktar biex jinqabdu tqal. Għaldaqstant, wieħed jista' jissuġġerixxi li jiġu maħluqa programmi ta' tagħmir speċjali għal dawk il-baqar li jeħilbu produzzjoni għolja – jiġifieri li minflok jiġu mgħammrin mal-ewwel saħna, jiġu mgħammrin meta jkunu qabżu l-100 ġurnata jeħilbu. B'hekk ir-raħħal se jkun qiegħed jiffranka l-flus tat-tagħmir artifiċjali u b'hekk iżid aktar fil-profitt tar-razzett tiegħu.

# GĦOTI TAL-WARRANTS LIL ERBA' VETERINARJI ĠODDA



Photo - MESDC - Joseph Mercieca

Waqt ċerimonja li saret, erba' veterinarji ġodda ngħataw il-warrant sabiex jeżerċitaw il-professjoni veterinarja f'Malta. Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri qal li l-fatt li għall-ewwel darba f'pajjiżna qed issir din iċ-ċerimonja tal-għoti tal-warrants lil erba' veterinarji ġodda turi l-importanza li qed tingħata lil din il-professjoni. Huwa stqarr li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet sabiex jiżdiedu l-inċentivi u l-għajnuniet għall-istudenti Maltin li jagħżlu biex isegwu dan il-kors tal-veterinarji.

Il-Perit Clint Camilleri awgura lil dawn il-veterinarji ġodda u ħeġġiġhom biex jeżerċitaw bl-aħjar mod il-professjoni tagħhom għall-ġid tal-annimali domestiċi u tal-irziezet, kif ukoll li, bħalma tirrikjedi kull professjoni, li jżommu ruħhom aġġornati mal-aħħar żviluppi fil-qasam tagħhom.

Il-veterinarji ġodda huma Dr Andrea Grima, Dr Violet Azzopardi, Dr Domenico Puma u Dr Carla Naiyara Gonzalez Diaz Bason.



Photo - MESDC - Joseph Mercieca

# IL-PROGRAMM MULTIANNWALI GĦALL-ĠBIR TAD-DATA 2017-2019 U L-IMPORTANZA TIEGĦU GĦALL-INDUSTRIJA TAS-SAJD

Dan l-artiklu nkiteb minn
Hazel Farrugia,
Donna Barbara u
Benjamin Zahra

Il-flotta tas-sajd Maltija hija prinċipalment artiġjanali u tikkonsisti f'madwar 374 MFAs (bastimenti full-time), u 540 MFBs (bastimenti part-time). Flimkien ma' dawn, sal-aħħar tas-sena 2017, kien hemm ftit iktar minn 2000 li jipprattikaw is-sajd rikreazzjonali (MFCs). Il-biċċa l-kbira tal-qabda tal-ħut tinħatt mill-flotta full-time.

Għalkemm il-kontribuzzjoni għall-Prodott Gross Domestiku (GDP) hija minima, l-industrija hija importanti għaliex minbarra li tipprovdi ħut frisk lin-nies tal-lokal u lit-turisti, tipprovdi wkoll ammont konsiderevoli ta' impjiegi.

Anke qabel Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea (UE), l-awtoritajiet Maltin immaniġġjaw żona tas-sajd esklussiva ta' 25 mil. Meta Malta saret membru fl-UE, il-Maltin żammew id-dritt li jmexxu żona tas-żajd ta' 25 mil. Dan inkiseb prinċipalment fuq il-premessa li kien qed isir sajd fiż-żona fuq Maximum Sustainable Yield (MSY), u kwalunkwe żieda fl-isforz tas-sajd tirriżulta f'effett ħażin fuq l-istokk tal-ħut.

Il-prinċipju ta' gwida wara l-immaniġġjar tal-flotot tas-sajd Ewropej u l-konservazzjoni tal-istokk tal-ħut huwa magħruf bħala Common Fisheries Policy (CFP). Biex tikseb dan, huwa meħtieġ li tinġabar, tintuża u tiġi mmaniġġjata d-data tas-sajd. Dan isir bl-implimentazzjoni tal-Ġbir tad-Data - Programm Multiannwali (DC-MAP) 2017-2019, li l-għan tiegħu huwa speċifikament it-titjib, il-provvista tal-għarfien xjentifiku, il-ġbir u l-ġestjoni tad-data.

Is-sezzjoni fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura responsabbli għall-implimentazzjoni tad-DC-MAP hija l-Fisheries Resource Unit (FRU). L-attivitajiet imwettqa jinkludu: il-monitoraġġ tal-qbid u l-isforz ta' bastimenti kbar; stima tal-qbid ta' bastimenti żgħar; stħarriġ ekonomiku u diversi stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar. Dawn l-azzjonijiet kollha huma meħtieġa biex tinkiseb id-data użata biex tmexxi kemm il-flotta kif ukoll l-istokk b'mod effiċjenti u effettiv.

Aktar attivitajiet u titjib għad-DC-MAP 2017-2019 fuq il-proġett ta' Qafas ta' Ġbir tad-Data preċedenti (DCF 2014-2016) se jinkludu: użu aktar effiċjenti tal-istokk tal-ħut; ġabra ta' data dwar diversi speċi addizzjonali permezz ta' bosta studji pilota; u kooperazzjoni reġjonali mtejba (skambju ta' informazzjoni). Dan għandu jikkontribwixxi għal immaniġġjar aħjar tar-riżorsi tas-sajd li jirriżulta f'industrija futura li hija awtosostenibbli, ħażniet ta' ħut li jistgħu jkomplu jirriproduċu u jżommu l-ammont attwali ta' qabdiet tal-ħut.

Dan ix-xogħol jinvolvi spiża konsiderevoli. Il-baġit ta' aktar minn żewġ miljun u nofs ewro huwa kofinanzjat 80% mill-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS) u 20% mill-Gvern Malti.





# TISSOKTA L-GĦAJNUNA LILL-NGOS

€13,780 f'għotjiet lill-NGOs jingħaqdu mas-€17,650 li diġà ngħataw lil dawk li għenu fl-addozzjonijiet tal-annimali

Is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri ta għotjiet lill-Għaqdiet Mhux Governattivi li qed jgħinu fl-addozzjonijiet tal-annimali. Dawn l-NGOs jieħdu ħsieb li jiċċekkjaw u jagħmlu l-verifiki tagħhom dwar l-ambjent li fih ikunu sejrin l-annimali li jiġu addottati mill-animal welfare sabiex jassiguraw li qegħdin jgħixu f'post fejn jixraqilhom u għalhekk huma mħarsa sew. L-NGOs jibqgħu jsegwu l-annimali anke wara li jiġu addottati.

Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri qal li l-ammont totali li se jingħata jlaħħaq it-€13,780 u l-NGOs li qed jibbenefikaw minn dawn l-għotjiet huma Tomasina Cat Sanctuary, Association for Abandoned Animals, Island Sanctuary Association, Stray Animals Support Group, Carers for Stray and Abandoned Felines u St Paul's Bay Charity. Is-sitt NGOs li qegħdin jibbenefikaw, iċċekkjaw u għamlu l-verifiki dwar l-annimali addottati fil-perjodu bejn Ottubru u Diċembru 2017. Dan l-ammont jingħaqad mas-€17,650 li diġà ngħataw lil dawk li jgħinu fl-addozzjonijiet tal-annimali.

L-Onor. Clint Camilleri rringrazzja lil dawn l-għaqdiet tax-xogħol siewi li jagħmlu favur il-ħarsien tal-annimali u enfasizza fuq l-importanza tal-ħidma bejn l-għaqdiet mhux governattivi u d-Direttorat responsabbli mill-Animal Welfare.

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jservi bħala intermedjarju fil-proċess għall-Għaqdiet Mhux Governattivi li jaħdmu mal-annimali sabiex jipprovdu post permanenti għal dawn l-annimali. Is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali rringrazzja lil dan id-Direttorat li jipprovdi l-kura neċessarja u post għall-annimali li jisfaw vittmi ta' krudeltà, jew ikunu mweġġgħin jew abbandunati sakemm dawn jittieħdu minn NGOs differenti meta tinstabilhom dar, jiġifieri meta jiġu addottati.

Bħalissa l-NGOs qegħdin jibbenefikaw minn ħlasijiet skont it-tabella t'hawn taħt sabiex ikunu jistgħu jiċċekkjaw u jivverifikaw li l-annimali addottati huma mħarsa u trattati tajjeb. Il-ħlasijiet ivarjaw skont l-annimal addottat, minn ġriewi li għalihom jingħataw €50 sa klieb anzjani li għalihom jingħataw €130.

| | |
|---|---|
| Il-qtates kollha | €70 |
| Ġriewi sal-età ta' 6 xhur | €50 |
| Kelb żgħir sa 10kgs (bħal razez imħalltin, Chihuahuas, Poodles,Pugs,Yorkshires, eċċ) u għandu inqas minn 7 snin | €70 |
| Kelb ta' daqs medju sa 27kgs (bħal razez imħalltin, fox terriers, springer spaniels, eċċ) u għandu inqas minn 7 snin | €90 |
| Kelb kbir 'il fuq minn 27 kgs (bħal razez imħalltin, Rottweilers, Alaskan Malamutes, Sharpei, German Pointer, English Pointer, Siberian Husky, eċċ) u għandu inqas minn 7 snin | €110 |
| Klieb 'il fuq minn 7 snin irrispettivament mid-daqs u mir-razza | €130 |

Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri ħeġġeġ aktar Għaqdiet Mhux Governattivi sabiex jimxu fuq il-passi ta' dawn l-NGOs u jgħinu fil-proċess tal-addozzjoni tal-annimali. Huwa fakkar kif il-Gvern wiegħed li se jagħti importanza u jilħaq il-miri f'dan is-settur u għalhekk huwa kommess li jgħin anke b'sostenn finanzjarju lill-Għaqdiet Mhux Governattivi li jagħtu sehemhom. Hu temm jgħid li l-għotjiet li ngħataw illum lil dawn l-NGOs huwa eżempju wieħed ta' għajnuna li qiegħda tingħata lill-għaqdiet mhux governattivi bħala rikonoxximent tal-isforz u l-kontribuzzjoni valida u effettiva li jagħmlu fis-settur.



Photo - DOI - Clifton Fenech

# IL-FUTUR TAL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI (PAK) – IL-KUMMISSJONI EWROPEA TRESSAQ L-EWWEL PROPOSTI LEĠIŻLATTIVI

Dan l-artiklu nkiteb minn
Malcolm Vassallo
Senior Manager ARPA

Fil-ħarġa preċedenti ta' Nisġet Artna infurmajna l-qarrejja tagħna dwar il-pubblikazzjoni tal-komunikat uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea (KE) rigward il-Futur tal-Ikel u l-Biedja fl-Unjoni Ewropea, li jittratta b'mod speċjali ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) 2021-2027. Fil-bidu ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni Ewropea ressqet għall-attenzjoni tal-Pajjiżi Membri tal-Unjoni Ewropea kollha, l-ewwel proposti leġiżlattivi li se jistabbilixxu l-mekkaniżmi ġodda li jiggvernaw l-għajnuniet tal-PAK.

Kif kien imħabbar fil-komunikat, l-ewwel abbozzi tal-proposti leġiżlattivi juru biċ-ċar li d-direzzjoni l-ġdida tal-politika hija lejn aktar simplifikazzjoni, lejn l-użu ta' teknoloġiji ġodda u innovattivi, u aktar flessibbiltà u sussidjarjetà għall-Istati Membri sabiex ifasslu skemi ta' fondi adattati għall-bżonnijiet lokali. L-iskemi tal-għajnuna diretta u dawk li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp rurali, għall-ewwel darba se jingħaqdu f'ħaġa waħda taħt Pjan Strateġiku tal-PAK li jrid jitfassal minn kull Pajjiż Membru u jiġi approvat mill-Kummissjoni Ewropea. Ta' min insemmu li fil-PAK il-ġdida l-Kummissjoni Ewropea se tiffoka l-evalwazzjonijiet u l-awditi tagħha aktar fuq il-prestazzjoni ta' dawn il-pjanijiet, b'miri stabbiliti mill-bidu fil-Pjan Strateġiku li jridu jintlaħqu b'suċċess sabiex jiġu assorbiti l-fondi. Filwaqt li se jibqgħu r-regoli u l-obbligi li jridu josservaw il-bdiewa fl-attività tagħhom għall-ħarsien tal-ambjent u l-benesseri tal-annimali fost oħrajn, dawn se jiġu simplifikati. Kif kien mistenni wkoll, il-baġit totali ta' din il-politika jidher li se jonqos, iżda d-diskussjonijiet f'dan ir-rigward għadhom għaddejjin u għaldaqstant għadu kmieni wisq sabiex inkunu nafu x'se jkunu l-allokazzjonijiet finali.

F'dan l-istadju inizjali, l-ewwel għan tal-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima huwa li jaħdem sabiex id-dispożizzjonijiet attwali li jirrikonoxxu d-diffikultajiet u l-elementi speċifiċi tas-settur agrikolu lokali jkunu inklużi wkoll fil-liġijiet il-ġodda tal-PAK. B'hekk issir il-bażi għall-ħidma biex ikun żgurat li jiġu emendati l-proposti u jitfasslu bl-aħjar mod possibbli biex finalment jiġi maqbul qafas li permezz tiegħu jkunu jistgħu jitwettqu interventi li verament jindirizzaw il-bżonnijiet tas-settur agrikolu lokali. L-ewwel diskussjonijiet fuq l-artikli tal-proposti diġà bdew ġewwa Brussell, u għaldaqstant il-Ministeru ħa rwol attiv fin-negozjati sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmijin hawn fuq.

Komplu segwu l-ħarġiet ta' Nisġet Artna għal aktar informazzjoni dwar ir-riforma tal-PAK, fejn ser nibqgħu nżommu l-pubbliku aġġornat dwar dan il-proċess ta' negozjati u dwar l-iżviluppi importanti li jirriżultaw minnu.

# Riċetti ta' Anton B Dougall







## Awrat al Cartoccio

### Ingredjenti

- Awrata mdaqqsa għal kull persuna
- 80g frak tal-ħobż
- 60g faqqiegħ
- Tewm... skont kemm tiggosta mqatta' rqiq ħafna
- Ħabaq jew nagħniegħ imqatta' rqiq ħafna
- Qoxra u meraq ta' lumija
- Żejt taż-żebbuġa
- Bżar mitħun frisk u melħ

### Metodu

Naddaf il-faqqiegħ u qattgħu f'biċċiet żgħar ħafna. Poġġih ġo skutella u żid il-frak tal-ħobż, it-tursin, il-ħabaq jew in-nagħniegħ u l-qoxra tal-lumija miegħu. Roxx ftit bżar u melħ u ħawwad tajjeb l-ingredjenti flimkien.

Ixgħel il-forn 1800C, gass numru 5.

Qiegħed flett tal-awrat fuq biċċa fojl kbira. Agħmel ftit mit-taħlita tal-mili fuq il-flett. Għatti l-mili bi flett ieħor. Geżwer kull awrata tajjeb iżda ħalli l-parti ta' fuq tal-fojl miftuħa.

Ferra' ftit żejt taż-żebbuġa u meraq tal-lumi fil-wiċċ.

Sajjar fil-forn għal madwar 25 minuta.

Servi ma' xi ħaxix mgħolli jew insalata.

NOTA: Uża sargu, paġell jew xi tip ta' ħut ieħor li jkun simili jekk ma ssibx awrat.

Tista' tlesti dan id-dixx minn kmieni u tħallih fil-friġġ. Ikun aħjar iżda, jekk issajru xi 30 minuta qabel isservih. Tinsiex li għandek issaħħan il-forn qabel issajru.

Meta tixtri l-ħut meħtieġ għal din ir-riċetta, jekk ikun possibbli, għid lil tal-ħut biex jifflettja l-awrat bil-lest u jneħħilu x-xewk kollu.

## Smoothie tal-Frawli

### Ingredjenti

- Frawli
- Glucose
- Ftit ħalib tal-coconut
- Yogurt
- Ġelat abjad jew tal-frawli
- Silġ imfarrak
- Meraq tal-pineapple

### Metodu

Iffriża l-frawli. Poġġihom ġo liquidiser. Żid żewġ magħref glucose jew zokkor.

Żid żewġ magħref kbar ġelat, żewġ imgħaref ħalib tal-coconut u nofs vażett yogurt. Żid ukoll silġ imfarrak u ftit meraq tal-pineapple. Idħan kollox.

Servi f'tazzi kbar.


SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI